MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru 308/2009

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Lindsey George Lynch

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur tal-Passaport Brittaniku 208498900 li hu akkuzat talli:

1. f’dawn il-gzejjer fit-13 ta’ Mejju 2009 u fix-xhur ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga (kokajina) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101;
2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' minn din il-Qorti in vesta ta' gudikatura kriminali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta' pussess ikwalifikat u pussess semplici. Issa l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizjonata b'dan però illi ghandu jigi ikkonsidrat li l-ammont tad-droga misjuba, li kienet konsistenti f'nofs gramma kokajina u nofs gramma cannabis, u c-cirkostanzi li nstabet, ittendu biex jaghtu kredibilita' li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu.

Ghaldaqstant waqt li ssib l-akkuzat hati tar-reati kontrih dedotti, wara li rat l-Avviz Legali 292/1939, l-Artikolu 8 u 22 tal-Kap 101 tiddeciedi li tillibera lill-akkuzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum.

Spjegat lill-akkuzat f'lingwa li jifhem ir-responsabilità tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------